# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Ġużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt


**17/18**

**Minuti tas-sbatax il-laqgħa (it-tkomplija tal-tlettax il-laqgħa li bdiet fi1-21 ta' Novembru, 2011) tat-tmintax-il sena tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li saret nhar il-Ħamis 15 ta' Diċembru, 2011, fil-bini amministrattiv tal-Kunsill fil-Kumpless Umberto Colosso, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera**

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Sur Horace J. Anastasi – Sindku<br>Sur Ronald Briffa – Viċi Sindku<br>Sur Carmel Camilleri – Kunsillier<br>Sinj. Mariella Micallef – Kunsilliera<br>Sur Stephen Sultana – Kunsillier<br>Sur Edwin Formosa - Kunsillier<br><br>Joseph M. Formosa – Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Assenti u Skuzat:** | Sur Cleaven Christian Bugeja – Kunsillier (li bagħat jinforma lill Kunsill li ma setgħax jattendi minħabba xogħol u għalhekk talab li għall fini tal-attendenza dwar l-onorarja għandu jiġi skużat) |

**Aġenda:**

01. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti-l-minuti tal-laqgħat 6/18 (29.08.2011), 7/18 (29.08.2011), 8/18 (27.09.2011), 9/18 (27.09.2011), 10/18 (27.09.2011) ġew approvati.

02. Punti mqajjma mill-minuti-din it-tema hija eżawrita.

03. Komunikazzjoni mis-Sindku----din hija eżawrita wkoll.

04. Progress *PPP*/5 Toroq---din it-tema eżawrita u deċiża.

05. Skeda pagamenti
    Skeda *petty cash*
    Skeda riċevuti.

06. *Financial statem*ents minn Lulju sa Settembru, 2011---din it-tema hija eżawrita u approvata.

07. Aġġornament.

Il-laqgħa bdiet fil-5.50 ta' filgħaxija wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

Mal-ftuħ tal-laqgħa s-Sindku talab sabiex jagħmel kommunikat speċjali dwar il-PPP *project* u peress li jħoss li dan il-kommunikat speċjali ma jistax jistenna kien qed jitlob l-approvazjoni tal-Kunisllieri kollha sabiex jagħmel l-indirizz tiegħu anke jekk din it-tema mhux fuq l-aġenda kif iċċirkulata dwar din il-laqgħa.

Is-Sindku ingħata l-approvazjoni u s-Sindku indirizza l-Kunsill.

Il-Kunsill qal li nhar it-Tnejn 12 ta Diċembru 2011 kellu laqgħa mal-Perit Anthony Bezzina li huwa l-perit riċentament magħżul mill-Kunsill dwar il-proġett tal-PPP fejn l-Aġent Segretarju J. M. Formosa suppost kien preżenti u m'attendiex.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv innega u s-Sindku rrimarka li kien hu stess li nfurmah.

Il-Perit Anthony Bezzina qal li fil-fehma tiegħu l-istimi huma maħduma ħażin u għalhekk li spiża dwar dan il-proġett għandha tiżdied bi kbir peress li l-għoli tat-tarmak għandu jkun wisq eħxen minn dak ippreżentat mill-Perit Stephen Farrugia.

Is-Sindku qal li dwar dan talab il-parir tal-accountant tal-Kunsill Sinjura Romina Perici Ferrante dwar l-impatt finanzjarju dwar din iż-zieda ta' dan il-proġett.

Saret diskussjoni u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni dwar il-kontenut tat-tender document kif maħdum mill Perit S Farrugia u dwar t-tender kif ġiet infurmata lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Is-Sur Stephen Sultana qal li huwa seta jobsor x'sejjer jiġri meta inbidel il-perit u għalhekk xtaq li l-Kunsill l-ewwel jingħata spjegazzjoni mingħand il-Perit Stephen Farrugia għax iħoss li din mhux sempliċi aċċettazjoni ta' miscalculations.

F'dan l-istadju s-Sindku esiġa li għandha issir Laqgħa tal-Kunsill nhar il-Ħamis 22 ta' Diċembru, 2011 fil 5.30 ta' filgħaxija li fiha l-Perit Anthony Bezzina jkun preżenti sabiex ifiehem lill Kunsill dwar il-qagħda preżenti tal-kalkoli u dwar dak meħtieġ sabiex dawn it-toroq taħt il PPP ikunu tal-istandard meħtieġ.

Is-Sindku esiġa wkoll, li jkun hawn l-Accountant. Fil-fatt, il-Kunsillieri qablu.

Wara din il-laqgħa l-Kunsill ikun jista jara l-impatt finanzjarju u jieħu dawk id-deċizjonijiet meħtieġa.

Is-Sindku kompla jindirizza lill-Kunsill dwar dawn is-segwenti.

**Għażla ta skrivan /a għall Kunsill**

Is-Sindku qal li l-Kunsill għadu ma rċeviex l-lista mingħand L-ETC sabiex jagħmel l-intervisti u għalhekk is-sitwazjoni issa saret ferm urġenti peress li s-Sinjorina Maria Aquilina sejjer ittemm l-impjieg u l-aħħar ġurnata tal-ħidma tagħha hija dik ta 21 ta Diċembru 2011.

**Ftuħ tal-Uffiċċju għall-Pubbliku**

Is-Sindku qal li minħabba s-sitwazzjoni preżenti l-Kunsill kien b'mod immedjat, mis-16 ta Diċembru, 2011 joffri sigħat minimu skond il-memo dwar dan.

Għalhekk il-ħinijet tal Pubbliku huwa 8am – 1pm matul il-ġimgħa

Sibt 8.00am – 11.30am

Nhar l-24/12/2011 u

Nhar l-31/12/2011 il-Kunsill sejjer jibqa magħluq

**Skeda ta' pagamenti**

Is-Sur Stephen Sultana staqsa dwar ix-xogħol professjonali u pagament li l-Avukat R.Sladden skont kif murija fuq l-iskeda.

Is-Sindku qal li fil-fehma tiegħu xi spejjeż dwar l-avukat jistgħu jiġu evitati peress li l-Aġent Segretarju J. M. Formosa jista' jirrispondi dirett u mhux kif qed jiġri sikwit permess tal-avukat.

Is-Sur Stephen Sultana irrimarka li huwa sar jaf li l-impjegata Maria Aquilina kellha inċident mas-Sindku dwar il-paga ta' Settembru, 2011 u dan ġie ukoll imsemmi fl-ittra li bagħat l-avukat tal-UHM lill Kunsill. Hawn il-Kunsill daħal ukoll fi spiża żejda meta qabbad lill Avukat R Sladden sabiex iwieġeb.

Is-Sindku rrimarka li dina l-istorja diġa' ġiet diskussa fl-aħħar laqgħa u nsista li dak li stqarret u għamlet s-Sinjorina Aquilina kien kollu għalxejn għaliex hija kienet taf li sejra tieħu l-paga fil-ħin kif jaf sewwa l-Aġent Segretarju.

Is-Sur Stephen Sultana qal li din is-sitwazzjoni turi biċ-ċar ir-raġuni għaliex is-Sinjorina Aquilina irreżenjat mill-Impjieg tagħha mal-Kunsill ta' Santa Venera.

Is-Sindku wieġeb li setgħet se titlaq minħabba fih l-ewwel wieħed minħabba li kien joqgħod iċċemplilha filgħaxija u jpoġġiha f'pożizzjoni imbarazzanti. Semma wkoll lill-Aġent Segretarju kellu diversi battibekki magħha.

**Ammont dovut lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv għax-xhur ta Lulju 2011 (55 hrs) Awissu 2011 (45 hrs)**

Is-Sur Edwin Formosa staqsa lis-Sindku dwar il-kontestazzjoni mis-Sindku ta' dak li qiegħed jitlob l-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

F'dan l-istadju l-Aġent Segretarju Eżekuttiv talab sabiex iħalli l-kamra sabiex kulħadd ikun liberu jiddiskuti għaliex ma jħosx li jkun xieraq li jkun preżenti.

Għad lis-Sindku esiġa biex l-Aġent Segretarju jibqa fil-kamra il-Kunsill qabel li l-Aġent jħalli l-kamra u joħroġ mill-bini tal-Kunsill sabiex bl-ebda mod ikun jisma jew jieħu parti fid-diskusjoni.

Wara diskussjoni l-Aġent Segretarju Eżekuttiv reġa' ġie msejjaħ sabiex ikompli bil-laqgħa.

Is-Sindku talab lill Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex dwar il-pagament għax-xhur ta Settembru u Ottubru, 2011 jagħmel rendikont tal-ħidma tiegħu.

Sar qbil li l-pagamenti ta Lulju 2011 tas-somma ta €507.15 u Awissu 2011 tas-somma ta €414.85 jingħataw maċ-ċekkijiet l-oħra kollha. F'dan l-istadju l-Aġent Segretarju Eżekuttiv stqarr li dwar ix-xhur Settembru u Ottubru, 2011 kien lest, li jaċċetta dak kollu li jipproponi s-Sindku.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv semma' l-ħidma kontinwa u r-responsabbilita tiegħu anke jekk dan qed jagħmlu bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv u f'waqtiet isofri l-provokazjoni.

Is-Sindku fakkar lill-Aġent Segretarju li hu kien talbu biex jibda jiffirma l-attendenza, minħabba li anki xi Kunsillieri ġibdu l-attenzjoni tas-sigħat (li dehru żejda) li qed jitlob u, peress li ma ridtx jiffirma s-Sindku ta direttivi lill-Iskrivana Maria Aquilina sabiex tibda tniżżilhom hi. Dan sar fil-preżenza tal-istess Aġent Segretarju.

**Pagamenti lill-avukat Dr R. Sladden**

Is-Sur Stephen Sultana qal li ma kienx jaqbel li jsir pagament muri fuq l-iskeda peress li s-Sindku ma ppreżentax l-kopji tal-korrispondenza. Is-Sindku wieġeb li dak kien xogħol l-Aġent Segretarju u mhux xogħlu.

**Firem fuq Skeda tal-Pagamenti**

Meta l-Aġent Segretarju Eżekuttiv talab għall-firem fuq l-iskeda tal-Pagamenti kienu biss s-Sindku u l-Kunsilliera Sinjura Mariella Micallef li iffirmaw din l-iskeda flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

**Aġġornament**

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis, 22 ta Diċembru, 2011 fil-5.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Louise Gusman | Horace J. Anastasi |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Sindku |